**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Lill-Membri kollha tal-Kunsill

**LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**Is-16-il Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi** ser issir nhar **il-Ħamis 20 ta' Marzu 2014 fil-5:30pm,** fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi QRD 1103.

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Aġenda**

---

1. **Qari tal-Minuti**
2. **Korrispondenza**
3. **Aġġudikazzjoni ta' diversi Sejħiet għal Offerti maħruġa mill-Kunsill Lokali**
4. **Ambaxxatur tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi**
5. **Aġġornament dwar il-Festival Agrarju tal-Patata 2014**
6. **Rapport mill-Kunsillieri dwar il-ħidma tagħhom minn Ottubru 2013 sa Marzu 2014**
7. **Finanzi**
8. **Aġġornament**

---

Ikun xieraq li l-Kunsillieri kollha jkunu preżenti fil-ħin, biex il-Laqgħa tkun tista' tiddiskuti u tiddisponi l-Aġenda mingħajr telf ta' ħin.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tas-16-il Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar il-Ħamis 20 ta' Marzu 2014 fil-5:30pm ta' filgħaxija fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat għall-ħabta tat-8:30 ta' filgħaxija.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi-Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsillier | Daniela Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant |
| Ambaxxatriċi | Kimberly D'Amato |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ppreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 1. QARI TAL-MINUTI

1.1 Il-Minuti tal-14 u l-15-il Laqgħa tal-Kunsill Lokali ġew moqrija u approvati.

## 2. KORRISPONDENZA

2.1 Inqrat Memo 7/2014, mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Estensjoni taż-żmien sakemm jistgħu jintbagħtu talbiet għal investigazzjoni dwar allegati inġustizzji lill-*Grievances Unit* (Memo 7/2014).**

2.2 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **URĠENTI – Premju Nazzjonali għal Appoġġ lill-Intrapriża 2014/*National Enterprise Support Awards 2014*.**

2.3 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **URĠENTI: *Capital Vote 7237 – EU funded Projects in Localities* – sett ġdid tad-dokumenti.**

2.4 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Avviż għall-Istampa – Reviżjoni tar-Reġistru Elettorali għall-Elezzjoni Ġenerali.**

2.5 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Reviżjoni tar-Reġistri Elettorali għall-Elezzjoni Ġenerali, għall-Kunsill Lokali u għall-Unjoni Ewropea.**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.6 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Avviż għall-Istampa maħruġ mill-Kumissjoni Elettorali –** ***Revision of the European Union Electoral Register.***

2.7 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **URĠENTI – Avviż mill-Kummissjoni Elettorali – Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew u għall-Kumitati Amministrattivi – Ħatra ta' Assistenti Kummissjonarji Elettorali, persuni li jgħoddu.**

2.8 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Seminars for Local Councils (re Overview of the Construction Regulations).***

2.9 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Figolli biex ngħinu lill-*Puttinu Cares Childrens' Cancer Support Group.***

2.10 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Silvio Frendo għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Skemi tal-PPP tat-toroq.**

2.11 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Joseph Abela għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Kuntratt ta' Żamma ta' Parki, Ġonna u *Soft Areas* fil-Qrendi.**

2.12 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanette Abdilla għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Riforma tas-Sistema tal-Infurzar Lokali.**

2.13 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanette Abdilla għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Stedina għal-Laqgħa Pubblika għar-Reġjun Xlokk/Reġjun Nofsinhar.**

2.14 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Isabella Camilleri Aquilina għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Għotja ta' darba għal vetturi reġistrati u liċenzjati għall-użu personali bejn l-1 ta' Mejjuy 2004 u l-31 ta' Diċembru 2008.**

2.15 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Isabella Camilleri Aquilina għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Live Streaming Vetting.***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.16 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Etienne Scicluna għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Opening of a Merchant Account – Qrendi.***

2.17 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Elizabeth Vassallo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Nofsinhar, bit-titlu **Memo 34/2013 – Sejħa tal-Offerti Manutenzjoni tal-I*street Lighting.***

2.18 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Elizabeth Vassallo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Nofsinhar, bit-titlu **Inizjattiva favur il-qari fil-lokalita'.**

2.18.1 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Kunsillier Olympia Sant Mifsud, bit-titlu **Inizjattiva favur il-qari fil-lokalita'.**

2.18.2 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Viċi-Sindku Charles Zerafa, bit-titlu **Inizjattiva favur il-qari fil-lokalita'.**

2.18.3 Wara diskussjoni dwar din il-korrispondenza, l-Kunsill Lokali qabel unanimament li se nippruvaw nagħtu żewġ dati lir-Reġjun li huma: It-Tlieta 22 t'April 2014 u s-Sibt 26 t'April 2014. Il-ħin fiż-żewġ dati jkun fl-10am.

2.19 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Elizabeth Vassallo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Nofsinhar, bit-titlu **Attivita' – Laqgħa t'Informazzjoni fuq il-Parlament Ewropew.**

2.20 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Elizabeth Vassallo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Nofsinhar, bit-titlu ***RN Policy – Eco Wardens.***

2.20.1 Wara diskussjoni l-Kunsill Lokali qabel unanimament li dawn il-wardens għandhom ikun qrib il-*bring-in sites* li hemm fi Triq l-Imqabba u Triq iż-Żgħożija kif ukoll iduru xi toroq nhar ta' Tlieta sabiex ikun aċċertat li ħadd ma joħroġ il-borża s-sewda.

2.21 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Elizabeth Vassallo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Nofsinhar, bit-titlu **Stedina għal-Laqgħa t'Informazzjoni fuq il-Parlament Ewropew.**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.22 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Paul Gatt, President tal-ANSEK, bit-titlu **Memo 6/2014 – Rendikonti tal-Ħidma tal-Ħaddiema tal-IPSL, KSI u ETC.**

2.23 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AGL Ċirk 13/2014 – Skema.**

2.24 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AGL Ċirk 15/2014 – Ġemellaġġi.**

2.25 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AGL Ċirk 18/2014 –** ***Social Work Services to Older Persons (60-Plus) from Local Councils.***

2.26 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AGL Ċirk 19/2014 – Risposta lill-ANSEK.**

2.27 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AGL 21/2014 – Seminar – Il-Ġimgħa 11 ta' April 2014.**

2.28 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Jimmy Magro, Konsulent tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, bit-titlu ***Road Seminar 2014.***

2.29 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa bit-titlu **Żjarat Kulturali fil-Mellieħa.**

2.30 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christian Salerno, Maniġer tal-GAL Xlokk, bit-titlu ***Procurement Policy Notes No 04-06/2014.***

2.31 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Terrence Camilleri, Segretarju Eżekuttiv tal-GAL Xlokk, bit-titlu ***Requests for Advance Payments.***

2.32 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Terrence Camilleri, Segretarju Eżekuttiv tal-GAL Xlokk, bit-titlu ***M 413.A5 Contracts.***

2.32.1 Is-Sindku David Schembri spjega għaliex il-Kunsill Lokali għadu ma ffirmax dan il-kuntratt minħabba li l-istima tal-Perit tal-Kunsill ġiet għolja b'mod

konsiderevoli mill-ammont li se ningħataw u fil-preżent il-*Paying Agency* qiegħda tiċċekkja jekk nistgħux nagħmlu sqaq wieħed minflok tnejn.

2.33 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Robert Naudi, *EU Fund Officer* fil-*Paying Agency*, bit-titlu ***Completion of M313/M323 Project.***

2.34 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Robert Naudi, *EU Fund Officer* fil-*Paying Agency*, bit-titlu ***Query re Measure 313.***

2.35 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Perit Susanna Bonello minn Transport Malta, bit-titlu ***Traffic Management at* Misraħ San Mattew, Qrendi.**

2.36 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Perit Audrey Testaferrata Denoto minn Transport Malta, bit-titlu **Applikazzjoni għal *reserved parking.***

2.37 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Maria Dolores Busuttil minn Transport Malta, bit-titlu ***Mqabba One ways between Imqabba and Żurrieq.***

2.37.1 Is-Sindku spjega l-korrispondenza li waslet mingħand il-Kunsill Lokali tal-Imqabba dwar il-fatt li daw qegħdin jipproponu li Triq l-Imqabba u Triq Ħal Kirkop jiġu *one way*.

2.37.2 Wara diskussjoni l-Kunsill Lokali qabel unanimament li għandna naċċettaw li Triq l-Imqabba ssir *one way* bi prova ta' tlett xhur imbagħad tittieħed deċiżjoni finali wara li jgħaddu dawn ix-xhur.

2.38 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Perit Edric Micallef minn Transport Malta, bit-titlu ***Bad state of repair* – Triq is-Siġġiew, Qrendi.**

2.38.1 Is-Sindku qal li għandha ssir laqgħa mal-Perit Edric Micallef fil-bidu t'April u dan sabiex tkun evalwata l-possibilta' li Transport Malta jagħmlu mill-ġdid Triq is-Siġġiewi kif ukoll Triq il-Puniċi li tnaddfet ftit tal-ġimgħat ilu.

2.39 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Oliver Farrugia mill-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu, bit-titlu ***Blue Grotto.***

2.39.1 Is-Sindku qal li m'hemm l-ebda dubju li l-*Blue Grotto* jinsab fil-konfini tal-

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Qrendi u għaldaqstant għandu jitniżżel biss li jinsab mal-Qrendi.

2.39.2 Żied li saħansitra anke waslet konferma min-naħa tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali li l-*Blue Grotto* huwa parti mill-Qrendi.

2.40 Inqrat ittra mibgħuta minn Dr Neville Calleja, Segretarju tal-Kumitat dwar l-Etika fis-Saħħa, bit-titlu **Kwestjonarju dwar is-saħħa tar-residenti tal-Qrendi.**

2.41 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Madame Sonia Anne Parascandolo mill-Għassa tal-Pulizija taż-Żurrieq, bit-titlu ***Dangerous Structure in* 36, Triq il-Parroċċa, Qrendi.**

2.42 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-MEUSAC, bit-titlu **Skambji Bejn Gruppi ta' Żgħażagħ.**

2.43 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Remigio Bartolo, *Senior Manager* fl-*Occupational Health & Safety Authority*, bit-titlu ***Seminars for Local Councils (Overview of the Construction Regulations – Giving a role to the Local Councils).***

2.44 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Noel Bartolo, bit-titlu **Premju Nazzjonali għal Appoġġ lill-Intrapriża 2014/*National Enterprise Support Awards 2014.***

2.45 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Charlene Mercieca Magro mill-koperattiva GreenPAK, bit-titlu **Stock ta' boroż ħodor.**

2.46 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Adam Bugeja, *Sales Consultant,* bit-titlu ***Telecare+ Talk.***

2.47 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Perit David Sultana, bit-titlu ***Lack of existing storm water provision.***

2.48 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Carmelo Pace, Surmast tal-Iskola Primarja tal-Qrendi, bit-titlu ***Road Safety Day* – Skola Primarja Qrendi.**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.48.1 Wara diskussjoni l-Kunsill Lokali qabel unanimament li għandu jsir *refreshing* tas-sinjali li hemm fil-bitħa tal-iskola u dan isir bħala skambju għal-lok li tatna l-iskola primarja matul l-attivitajiet ta' Jum il-Qrendi 2014.

2.49 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Natalino Mallia, *Career Advisor* fil-Kulleġġ San Benedittu, bit-titlu ***St Benedict College – Career Exposure 2014.***

2.50 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Gordon Caruana, *PBS Sales Executive*, bit-titlu ***To the Mayor and Executive Secretary – Qrendi Local Council from Radio Malta PBS.***

2.51 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Richard Azzopardi, Storiku u riċerkatur ta' Palazzo Castelletti, bit-titlu **Palazzo Castelletti.**

2.52 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Howard Keith Debono, bit-titlu **Qrendi Festival.**

2.53 Inqrat ittra mibgħuta mis-Sa. Jane Spiteri dwar is-sitwazzjoni ta' traffiku u parkeġġ fi Triq it-Torri.

2.53.1 Wara diskussjoni l-Kunsill Lokali qabel unanimament li għandha tintbagħat l-ittra lil Transport Malta sabiex anke nieħdu parir uffiċjali dwar x'jista' jsir fuq is-sitwazzjoni ta' Triq it-Torri.

## 3. <u>AĠĠUDIKAZZJONI TA' DIVERSI OFFERTI MAĦRUĠA MILL-KUNSILL LOKALI</u>

3.1
- Dwar sejħa għall-offerti – **QLC OSM 49/14 - Offerti għall-Providment, Installazzjoni u Kummissjoni ta' Sistema għal *Online Streaming* tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi**.

3.1.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-offerta li daħlet mingħand AID Ltd kienet aċċettata mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u għaldaqstant nistgħu nikkonfermaw din l-aġġudikazzjoni.

3.1.2 Il-Kunsill Lokali tal-Qrendi qabel unanimament li għandna nagħżlu l-offerta ta' AID Ltd.

3.2
- Dwar sejħa għall-offerti – **QLC RRPW 49/14 - Offerti għal *resurfacing* u tiswijiet estensivi ta' toroq fil-Qrendi.**

3.2.1 Is-Sindku qal li daħlu b'kollox tlett offerti għal din is-sejħa mingħand:

i. Polidano Bros. Ltd.
ii. Asfaltar Construction Ltd.
iii. Schembri Infrastructures Ltd.

3.2.2 Is-Sindku ppropona li għandna nagħżlu l-offerta ta' Asfaltar Ltd. wara parir ukoll mingħand il-Perit tal-Kunsill Lokali.

3.2.3 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament mal-proponiment tas-Sindku David Schembri.

3.3
- Dwar sejħa għall-offerti – **QLC MW 49/14 - Offerti għal xogħolijiet ta' manutenzjoni ta' bankini, ħitan u kanali fil-Qrendi.**

3.3.1 Is-Sindku qal li b'kollox daħlu sitt offerti għal din is-sejħa mingħand:

i. Polidano Bros. Ltd.
ii. Pullicin Developers Ltd.
iii. Denfar Excavators Ltd.
iv. Vella Group Ltd.
v. Mr Fabio Bonavia
vi. Asfaltar Construction Ltd.

3.3.2 Is-Sindku ppropona li għandna nagħżlu l-offerta ta' Mr Fabio Bonavia wara parir ukoll mingħand il-Perit tal-Kunsill Lokali.

3.3.3 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament mal-proponiment tas-Sindku David Schembri.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

3.4 • Dwar sejħa għall-offerti – **QLC CMHW 49/14 – Ġbir ta' Skart Domestiku.**

3.4.1 Is-Sindku qal li b'kollox daħlu tlett offerti għal din is-sejħa mingħand:

i. Mr Gaetano Galea
ii. Mr Joseph Zammit & Mr Spiridione Zammit
iii. WM Environmental Ltd.

3.4.2 Is-Sindku qal li l-Kunsill Lokali tkellem mal-irħas żewġ individwi li tefgħu l-offerta, li huma Mr Gaetano Galea u Mr Joseph Zammit & Mr Spiridione Zammit.

3.4.3 Qal li hu jipproponi lil Mr Gaetano Galea sabiex jingħata dan il-kuntratt.

3.4.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament mal-proposta tas-Sindku.

3.5 • Dwar sejħa għall-offerti – **QLC SSC 49/14 – Knis u Tindif ta' Toroq.**

3.5.1 Is-Sindku qal li b'kollox daħlu ħames offerti għal din is-sejħa mingħand:

i. Mr Frankie Mifsud
ii. Mr Joseph Farrugia
iii. WM Environmental Ltd.
iv. Mr Carmel Mazzitelli
v. Mr Jesmond Zammit

3.5.2 Is-Sindku qal li l-Kunsill Lokali tkellem mal-irħas żewġ individwi li tefgħu l-offerta tagħhom għal dan il-kuntratt, jiġifieri Mr Joseph Farrugia u Mr Carmel Mazzitelli.

3.5.3 Qal li hu jipproponi li dan il-kuntratt għandu jingħata lil Mr Joseph Farrugia.

3.5.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament mal-proposta tas-Sindku.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 4. AMBAXXATUR TAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI

4.1 Is-Sindku David Schembri rringrazzja lis-Sa. Kimberly D'Amato tas-servizz tagħha fil-Kunsill Lokali bħala Ambaxxatriċi f'dawn l-aħħar xhur.

4.2 Spjega kif il-Kunsill Lokali, sa minn Jannar li għadda ħareġ sejħa għal dawk iż-żgħażagħ eliġibbli li xtaqu jservu bħala Ambaxxaturi tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.

4.3 Qal li kien żagħżugħ wieħed li applika għal din il-kariga u dan huwa s-Sur Justin Debattista.

4.4 Żied li bħala Kunsill Lokali se nkunu qegħdin nitkellmu mas-Sur Debattista sabiex naraw jekk għadux interessat f'din il-kariga.

4.5 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li jekk kemm-il darba s-Sur Justin Debattista jaċċetta li jsir Ambaxxatur tal-Kunsill Lokali dan għandu jidħol fil-kariga mix-xahar id-dieħel.

## 5. AĠĠORNAMENT DWAR IL-FESTIVAL AGRARJU TAL-PATATA 2014

5.1 Il-Viċi-Sindku Charles Zerafa qal li d-data tal-Festival ġiet mibdula mis-Sibt 10 ta' Mejju għall-Ħadd 4 ta' Mejju.

5.2 Qal li s'issa għadna qegħdin nistennew konferma min-naħa tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex naraw jekk hux se jaċċettaw il-bidla fid-data.

5.3 Żied li kien hemm qbil anke mal-każini tal-lokal li l-Festival għandu jsir il-Ħadd 4 ta' Mejju.

5.4 Il-Viċi-Sindku spjega kif il-preparamenti għaddejjin xorta waħda u għadu

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

jrid jintlaħaq ftehim mal-każini dwar l-ikel li se jissajjar għal dan il-Festival.

5.5 Qal li fil-preżent qegħdin nitkellmu ma' diversi kantanti u gruppi li jistgħu jieħdu sehem f'dan il-Festival.

5.6 Żied li f'Novembru li għadda l-Kunsill Lokali kien investa f'gazebo ta' 4m x 3m u qal li wasal iż-żmien li jsir investiment ta' tlett gazebos oħra għall-Festival Agrarju tal-Patata.

5.7 Spjega kif gazebo qiegħda tiġi tiswa lill-Kunsill Lokali madwar €160 jekk kemm-il darba tinxtara, filwaqt li meta nikruhom ma nsibux irħas minn €180.

5.8 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li għandhom jinxtraw tlett gazebos oħra għall-Festival Agrarju tal-Patata.

## 6. <u>RAPPORT MILL-KUNSILLIERI DWAR IL-ĦIDMA TAGĦHOM MINN OTTUBRU 2013 SA MARZU 2014</u>

6.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-ħidma tiegħu bħala Sindku hija mniżżla fil-Minuti ta' kull laqgħa tal-Kunsill Lokali.

6.1.1 Żied li l-ħidma kulma jmur qiegħda tiżdied u dan joħroġ ċar mill-Minuti li jiġu ppublikati tal-laqgħat tal-Kunsill.

6.2 Il-Viċi-Sindku Charles Zerafa tkellem dwar l-attivitajiet li kienu organizzati mill-Kunsill Lokali tal-Qrendi f'dan il-perjodu.

6.2.1 Il-Viċi-Sindku ppreżenta rapport ta' ħidma lill-Kunsill Lokali li jinsab mehmuż ma' dawn il-Minuti.

6.3 Il-Kunsillier Daniel Farrugia qal li bħala ndafa l-Kunsill Lokali dejjem kien sodisfatt bis-servizz tal-ġbir tal-iskart domestiku.

6.3.1 Spjega kif issa l-kuntrattur preżenti, is-Sur Jesmond Zammit se jkun qiegħed itemm il-ħidma tiegħu fuq dan il-kuntratt u ħeġġeġ lill-kuntrattur il-ġdid

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

sabiex jibqa' miexi fuq il-passi tal-kuntrattur preżenti.

6.4 Il-Kunsillier Daniela Farrugia qalet li fil-ħidma tagħha dejjem pruvat tkun viċin taż-żgħażagħ kemm jista' jkun.

6.4.1 Hi ppreżentat rapport ta' ħidma li jinsab mehmuż ma' dawn il-Minuti.

6.5 Il-Kunsillier Olympia Sant tkellmet dwar ix-xogħol li sar min-naħa tagħha f'dawn l-aħħar xhur u ppreżentat rapport ta' ħidma li jinsab mehmuż ma' dawn il-Minuti.

## 7. <u>KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU</u>

7.1 Is-Sindku David Schembri beda billi qal li rċevejna talba għal bozza fi Triq Ħaġar Qim.

7.1.1 Qal li s'issa bgħattna applikazzjoni waħda għal bozza fi Triq tal-Muddejn imma għadna bla risposta mingħand l-Enemalta.

7.1.2 Il-Viċi-Sindku Charles Zerafa qal li din it-talba għandha titpoġġa fil-lista ta' persuni li qegħdin jitolbu għal bozza fil-parti rurali tar-raħal sabiex meta jasal il-waqt issir l-applikazzjoni mal-Enemalta.

7.2 Is-Sindku tkellem dwar il-kameras ta' sigurta' li hemm mal-Monument tal-Ħajja u ż-Żgħożija.

7.2.1 Qal li fl-aħħar jiem inqala' inċident u l-pulizija xtaqu li jaraw il-*footage* minn dawn il-kameras u nstab li dawn il-kameras waslu fi stat li jridu jinbidlu minħabba li mhumiex qegħdin juru sew.

7.2.2 Semma' kif dawn il-kameras ilhom installati disa' snin u jinsabu esposti għall-elementi kollha u għaldaqstant hija ħaġa naturali li wara dan iż-żmien iridu jinbidlu.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

7.2.3 Spjega kif il-Kunsill Lokali għandu jħares lejn il-possiblita' li dawn il-kameras ta' sigurta' jkunu aċċessibli mill-uffiċċju tal-Kunsill u mhux kull darba jkunu jridu jinġiebu persuni mill-kumpanija sabiex naraw il-*footage*.

7.2.4 Żied li jekk kemm-il darba se jinbidlu dawn il-kameras li hemm mal-Monument tal-Ħajja u ż-Żgħożija, l-Kunsill Lokali għandu jaħseb ukoll li ssir waħda ġdida ħdejn il-*bring-in site* ta' Triq iż-Żgħożija kif ukoll oħra fi Triq l-Imqabba. Qal li probabbli ssir waħda wkoll fi Triq Rokku Buhagiar meta nkunu ċerti fejn ġej it-*totem kiosk* li se jsir mill-Kunsill Lokali.

7.2.5 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li għandhom jiġu esplorati dawn il-possibiltajiet u dan il-punt se jibqa' jiġi diskuss fil-laqgħat li ġejjin.

7.3 Is-Sindku tkellem ukoll dwar l-afforestazzjoni f'raħalna.

7.3.1 Qal li matul il-ġurnata t'għada se jkunu qegħdin jitħawlu numru sabiħ ta' siġar fi Triq Ħaġar Qim minn grupp ta' dsatax-il student Ġappuniż.

7.3.2 Spjega kif se jitħawlu dan is-siġar li se jagħtu bidu għal dan il-proġett wara li kien hemm il-ħamrija li minn Triq il-Puniċi kienet trasferita għaż-żona ta' Għajn ix-Xemx sabiex tkun tista' tinbeda din l-afforestazzjoni.

7.4 Is-Sindku tkellem ukoll dwar il-ħaddiema komunitarji min-naħa tal-ETC, imma s'issa għadu ma kellna l-ebda risposta jekk humiex se jibagħtu ħaddiema jew le.

7.4.1 Is-Sindku tkellem dwar il-kors tal-*aerobics* u qal li min-naħa tal-Kunsill Malti għall-Isport se tkun qiegħda tintbagħat persuna kull nhar t'Erbgħa bejn il-5:30pm u s-6:30pm.

7.4.2 Qal li se jsiru 10 sessjonijiet ta' siegħa l-waħda u l-ħlas għal kull sessjoni se jkun ta' €2.

7.4.3 Żied li kull persuna li tattendi għandha tieħu magħha flixkun ilma kif ukoll tapit minħabba l-eżerċizzji li jsiru waqt dawn is-sessjonijiet.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

7.4.4 Qal li l-ewwel sessjoni kien hemm il-ħsieb li ssir fis-16 t'April imma minħabba li dakinhar se nkunu fil-Ġimgħa Mqaddsa, l-Kunsill iħoss li għandna nibdew ġimgħa wara.

7.4.5 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li se nikkuntattjaw lin-nies li diġa' applikaw għal dan il-kors, filwaqt li se jkunu qegħdin jitqassmu posters fil-ħwienet sabiex min irid ikun jista' jattendi.

7.5 Is-Sindku tkellem ukoll dwar l-itinerarji turistiċi għaż-żona tal-Qrendi u qal li bħala Kunsill Lokali se nkomplu mexjin 'il quddiem bl-għajnuna tal-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu.

7.5.1 Spjega kif se jsiru kumitati sabiex dawn jaħdmu biex jiżdied l-ammont ta' turisti li jżuru l-lokalitajiet tagħna.

7.6 Is-Sindku tkellem dwar iż-żjara ta' Froukje de Jong flimkien ma' żewġha sabiex jitkellemu dwar meta Leeuwarden se tkun belt kapitali Ewropea flimkien mal-belt Valletta fl-2018.

7.6.1 Qal li dawn żaru postijiet interessanti f'raħalna u ltqagħu ukoll ma' diversi persuni Qrendin.

7.7 Is-Sindku tkellem dwar il-laqgħat tal-LES u qal li l-Kunsill Lokali tal-Qrendi dejjem kellu rappreżentanza f'dawn il-laqgħat.

7.8 Is-Sindku tkellem dwar sistema tat-telefonija ġdida.

7.8.1 Qal li ġejna avviċinati mill-kumpanija Ozone fejn dawn qegħdin joffru rati irħas minn dawk li għandna fil-preżent mal-kumpanija GO.

7.8.2 Qal li l-Kunsill Lokali jrid jara jekk jaċċettax jew le li tinqaleb is-sistema ta' telefonija, meta jidher li jekk naqilbu ma' Ozone se nkunu qegħdin niffrankaw numru konsiderevoli ta' ewro.

7.8.3 Wara diskussjoni l-Kunsill Lokali qabel unanimament li għandna naqilbu mal-kumpanija Ozone.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

7.9 Is-Sindku tkellem dwar talba għal bankina mis-sidien tar-restorant Kingfisher f'Wied iż-Żurrieq.

7.9.1 Qal li dawn is-sidien jixtiequ li jwessgħu ftit il-bankina li tinsab fi Triq il-Madonna tar-Rużarju u dan se jagħmluh minn buthom.

7.9.2 Żied li skont l-informazzjoni li għaddewli s-sidien tar-restorant, jidher li l-bankina mhbijiex aċċessibbli minħabba li lanqas *wheelchair* ma jista' jgħaddi.

7.9.3 Il-Kunsill Lokali qiegħed jisħaq li ssir rampa aċċessibbli għal persuni li jużaw il-*wheelchair*, kif ukoll lis-sidien jinżammu responsabbli li jekk ikun hemm ħafna oġġezzjonijiet dwar il-fatt li titwessa' l-bankina, dawn għandhom jerġgħu jagħmlu kollox kif kien.

7.9.4 Is-Sindku David Schembri ppropona li għandna naċċettaw it-talba tas-sidien tal-Kingfisher filwaqt li l-Kunsillier Daniel Farrugia ssekonda.

7.10 Il-Kunsillier Daniel Farrugia tkellem dwar il-Monument tal-Indipendenza f'għeluq il-50 sena minn dan il-mument storiku.

7.10.1 Qal li l-Kumitat Sezzjonali PN qiegħed jistaqsi jekk kemm-il darba dan isir min se jkun qiegħed joħroġ l-ispejjeż.

7.10.2 Il-Viċi-Sindku Charles Zerafa qal li għad m'hemmx talba uffiċjali la min-naħa tal-Kumitat Sezzjonali PN u lanqas min-naħa tal-Kumitat tal-Partit Laburista Qrendi sabiex isiru xi monumenti biex ifakkru l-Indipendenza u r-Repubblika.

## 8. FINANZI

8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €19,056.16c skont is-*Schedule of*

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

*Payments* Ref No. 03/14 u €91.10c skont il-*Petty Cash* Ref R/02.

8.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi ppropona li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

8.3 Il-Kunsillier Charles Zerafa u l-Kunsillier Daniel Farrugia ssekondaw u l-Kunsill qabel *nem. con*.

## 9. AĠĠORNAMENT

9.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fit-8:30pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn 21 ta' April 2014 fil-5:30pm.

________________________ ________________________

| | |
|---|---|
| **Chris Falzon** | **David Schembri** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |